MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 1186/2005

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 1366/05 maħruġ fl-1 ta' Settembru, 2005, fl-ismijiet:**

**CARNIK CONSTRUCTION LIMITED (C-16518)**

**vs**

**Victor BORĠ BARTHET, eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem *B.B. 2000 ST***

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Diċembru, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ir-rikorrent eżekutat Victor Borġ Barthet talab li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi, maħruġ kontrih mill-kumpannija intimata eżekutanti fl-1 ta' Settembru, 2005, jitħassar billi jinħareġ il-kontro-mandat opportun, jew li l-Qorti tirriduċi l-effetti tal-istess mandat kemm dwar l-ammont u kif ukoll billi jiġi espressament indikat li ma jolqotx il-*loan accounts*, *overdraft accounts* u *credit card accounts* tiegħu u ta' martu. Talab ukoll li, f'każ li l-mandat ma jitħassarx, il-kumpannija intimata eżekutanti tiġi ordnata tagħti garanzija xierqa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata fl-24 ta' Jannar, 2006,li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, seħqet li l-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Jannar, 2006, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment dwar it-talbiet tar-rikorrent;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent irid li jwaqqa' l-effetti ta' Mandat kawtelatorju li l-kumpannija intimata ħarġet kontra tiegħu għas-somma ta' tnax-il elf lira Maltija (Lm 12,000). L-imsemmi Mandat inħareġ taħt il-kawżali ta' "penali dovuti mill-intimat minħabba dewmien f'eżekuzzjoni ta' xogħlijiet – pretensjoni dedotta f'kontro-talba fil-kawża fl-ismijiet inversi 1431/02JA"[1]. Jirriżulta li ngħatat sentenza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-imsemmija kawża f'Ġunju tal-2005[2], u li fiha r-rikorrent ġie dikjarat kreditur tal-kumpanija mħarrka (intimata f'dawn il-proċeduri) fis-somma ta' Lm 22,243, wara li titnaqqas Lm 1000 bħala penali dovuta lill-kumpannija mħarrka. Minn dik is-sentenza, il-kumpannija intimata appellat quddiem il-Qorti tal-Appell, u l-kawża għadha qegħda tistenna li l-appell jiġi appuntat u mismugħ. Il-Mandat inħareġ mill-kumpannija intimata wara li hija ressqet l-appell;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li r-rikorrent ma semmiex taħt liema mis-sitt ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-ħruġ ta' kontro-mandat qiegħed isejjes it-talba tiegħu. Mill-kliem tal-liġi, jidher li huwa meħtieġ li meta persuna tressaq rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, din għandha tgħid għal liema raġuni tkun qegħda titlob li dan isir. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu aktar minn waħda, imma dejjem iridu jkunu jaqgħu fil-kategorija tas-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Nuqqas bħal dan tqies mill-Qrati tagħna li jkun "fatali għat-talbiet tal-istess rikorrent"[3];

Illi l-Qorti tifhem u temmen bis-sħiħ li jkun biżżejjed għas-siwi tar-rikors li l-kliem użat mir-rikorrent ikun sostanzjalment jaqbel mal-kliem misjub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1), ukoll jekk ir-rikors ma jiċċitax espressament l-istess dispożizzjonijiet, u dan

[1] Paġ. 4 tal-proċess
[2] Paġġ. 6 sa 13 tal-proċess
[3] Ara, per eżempju, P.A. RCP **10.5.2001** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et***

b'ħarsien ukoll tar-regola li wieħed għandu jħares u jimmira aktar li jagħmel ħaqq milli jintilef f'formaliżmu żejjed. Iżda lil hinn minn hekk, m'għandu qatt jinftiehem li l-ilment ta' rikorrent kontra l-ħruġ kontrih ta' Mandat kawtelatorju jista' jiġi implikat b'xi analoġija jew taħlita ġenerika li ma tissarrafx f'ċirkostanzi waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-artikolu rilevanti;

Illi meta wieħed jifli sewwa r-rikors li għandha quddiemha l-Qorti f'dan il-każ, wieħed isib li r-rikorrent isejsu fuq tliet premessi. Dawn huma li (a) ikun xi jkun ir-riżultat tal-appell imressaq mill-intimata, huwa xorta waħda jibqa' kreditur tagħha; (b) l-ħruġ tal-Mandat ippreġudikah serjament fit-tmexxija tan-negozju tiegħu; u (ċ) li l-ħruġ tal-Mandat sar b'għan fieragħ u biex idejjaq. L-ebda waħda minn dawn it-tliet raġunijiet ma taqa' taħt xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 836(1). Dan għaliex l-ewwel raġuni hija waħda spekulativa u ipotetika dwar l-eżitu tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell, liema sitwazzjoni żgur li ma taqax fil-mansjoni ta' din il-Qorti biex tistħarreġ u tiddelibera dwarha. Fil-każ tat-tieni raġuni, jista' jingħad li kull Mandat kawtelatorju jġib miegħu lill-parti intimata ċertu grad ta' preġudizzju, l-iżjed fejn Mandat bħal dak jolqot it-tħaddim jew id-disponiment tal-ġid tal-intimat. Filwaqt li t-tielet raġuni m'hijiex waħda li dwarha tista' ssir talba għall-ħruġ ta' kontromandat, imma l-iżjed talba għall-kundanna għall-penali[4]. F'dan ir-rikors ma saret l-ebda talba bħal din;

Illi, minbarra dan, ir-rikorrent jitlob li l-Mandat jiġi dikjarat espressament li ma jolqotx kontijiet tar-rikorrent u ta' martu. Meta wieħed iħares lejn il-Mandat partikolari, wieħed jinnota li l-intimat eżekutat waħdien tal-pretensjonijiet tal-kumpannija eżekutanti huwa Victor Borġ Barthet. Martu ma tissemmiex, u għalhekk ma tistax tilminta li hija ntlaqtet bl-imsemmi Mandat. L-ebda sekwestratarju ma jista' jżomm għandu ġid jew ħwejjeġ li ma jkunux tad-debitur intimat. Fuq kollox, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 tgħodd biss għal dawk li kontrihom ikun inħareġ il-

[4] Art. 836(8)(d) tal-Kap 12

Mandat kawtelatorju, u mhux għal dawk li, fl-eżekuzzjoni tal-istess Mandat, xi ġid tagħhom seta' ġie involut;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed u skond il-liġi biex tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent;

Illi dwar it-tielet talba tar-rikorrent, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma immotivax it-talba għall-garanzija fir-rikors promotur. Ftit li xejn ingħad dwarha wkoll waqt it-trattazzjoni, ħlief fir-rabta li saret bejn it-talba u r-raġuni għat-tħassir tal-mandat;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[5]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[6]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[7];

---

[5] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[6] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[7] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[8], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex iħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi l-Qorti ssib li f'dan il-każ ukoll ir-rikorrenti naqas juri tajjeb li kien hemm kawża ġusta jew raġuni tajba biex iwassluha tordna lill-intimata eżekutanti tressaq garanzija tajba biex il-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda **tiċħad it-talbiet tar-rikorrent**, bl-ispejjeż kontrih.

## < Sentenza Finali >

---

[8] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

---------------------------------TMIEM---------------------------------